# OQBRA STORIĊI F'BIRKIRKARA

Fil-bidu ta' Frar 1966 instab qabar imħaffer fil-Blet. Fih instabu xi fuħħar, oġġetti tal-Bronż ta' stil Kartaġiniż. Bċejjeċ ta' fdal ta' annimali li għexu f'Malta madwar nofs miljun sena ilu, ittellgħu minn għalqa f'Imrieħel. Il-post ġie eżaminat bir-reqqa minn Dr. D.H. Trump u s-Sur F.S. Mallia li qalu li dawn kellhom xi 500,000 sena meta Malta għaddiet għal perjodu Semi-Tropikali fi żmien is-silġ. Dawn l-għadam instabu f'Ottubru 1962. F'Birkirkara nstab ukoll qabar Feniċju singlu. Instab intatt, it-tip tiegħu hu ta' bejn wieħed u ieħor ovali regulari u ta' qisien ordinarji. Kellu bokka vertikali f'għoli differenti li biha seta' jsir passaġġ laterali fil-baxx fir-rokna ta' wieħed mill-ġnieb għal ġo għar tond, magħluqa bi xriek in situ. Ġo għar bħal dan instabu għadd ta' qolol, stamnos u bosta ħwejjeġ oħra.

Fl-1928, waqt li kienu qegħdin jitħaffru l-pedamenti għall-bini li jmiss ma' razzett, instab qabar maqtugħ fil-blat. Kellu għamla ta' qanpiena u fih instabu għadd ta' irjus umani u bċejjeċ tal-fuħħar. Fosthom kien hemm uħud ta' tip Feniċju jew Kartaġiniż. Fl-20 ta' Settembru 1941, waqt li kien qed jitħaffer Xelter f'Birkirkara, instabet aċċidentalment fissura ta' l-għadam. Fiha kien hemm għadd ta' stalagmiti u stalakiti magħqudin mal-ħamrija. Fost il-fossili nstabu għadam u snien ta' l-Ippopotami.

Waqt qtugħ ta' trinka fi Triq Fleur-de-Lys, instab qabar imħaffer fil-blat. Fin instabu bċejjeċ ta' għadam uman u xi affarijiet tal-fuħħar.

Fl-1967 ġo Triq il-Wied instabet ħofra ovali b'xi fuħħar fiha li kienu ta' żmien Puniku. F'Ottubru 1969 waqt tħaffir biex isiru xi pedamenti ta' dar fi Triq Qormi nstab qabar Ruman. Fih instabu l-fdal ta' disgħa skeletri umani flimkien ma' xi fuħħar.


DOLCISSIMA CATERING

104, MAIN STREET, B'KARA. TEL: 497668

*Ħdejn il-Każin tal-Banda Santa Liena*

**NAĊĊETTAW ORDNIJIET GĦAT-TIĠIJIET U KULL XORTA TA' PARTY**